— Fil-kuntest tal-ewwel motiv, huwa sostnut li l-għajnuna allegata mir-riżorsi tal-baġit ġenerali tal-Land ma kinitx suġġetta għad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

Ir-rikorrenti ssostni li l-imħaleb ma rċevewx għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE relatata mal-finanzjament tat-testijiet tal-kwalità tal-ħalib, ladarba ma ngħatawx vantaġġ selettiv.

3. It-tielet motiv (sussidjarju), ibbażat fuq l-assenza ta' ksur tal-obbligu ta' notifika

Ir-rikorrenti ssostni li l-miżuri għandhom jitqiesu li huma "għajnuna eżistenti". Il-ħlas lura għalhekk jikser l-Artikolu 108 (1) u (3) TFUE kif ukoll l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2015/1589.

4. Ir-raba' motiv (sussidjarju), ibbażat fuq l-argument li l-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern kienet irrifjutata b'mod żbaljat fir-rigward tal-Artikolu 107(3) TFUE

5. Il-ħames motiv (sussidjarju), ibbażat fuq l-argument li l-ordni ta' ħlas lura tal-għajnuna tikser il-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589, tat-13 ta' Lulju 2015, li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, p. 9).

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2015 – Marcas Costa Brava vs UASI – Excellent Brands JMI (Cremcaffé by Julius Meinl)**

**(Kawża T-686/15)**

(2016/C 048/90)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Marcas Costa Brava, SL (Sils, Spanja) (rappreżentanti: E. Manresa Medina u J. Manresa Medina, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Excellent Brands JMI Ltd (Baar, l-Isvizzera)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant għat-trade mark ikkontestata*: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* it-trade mark Komunitarja figurattiva ħamra u bajda li tinkludi l-elementi verbali "Cremcaffé by Julius Meinl" – Trade mark Komunitarja Nru 11 406 915

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' Settembru 2015, fil-Każ R 2517/2014-5

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tiddikjara li l-użu tat-trade mark Komunitarja Nru 2 423 705 fir-rigward tal-klassi 30 ġie pprovat u li l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 11 406 915 hija inkompatibbli mat-trade mark Komunitarja Nru 2 423 705;

— tikkundanna lill-UASI u lill-eventwali konvenuti l-oħra għall-ispejjeż kollha.

**Motiv invokat**

— Interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 15(1), tal-Artikolu 15(1)(a) u tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2015 – Marcas Costa Brava vs UASI – Excellent Brands JMI (Cremcaffé by Julius Meinl)**

**(Kawża T-687/15)**

(2016/C 048/91)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Marcas Costa Brava, SL (Sils, Spanja) (rappreżentanti: E. Manresa Medina u J. Manresa Medina, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Excellent Brands JMI Ltd (Baar, l-Isvizzera)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant għat-trade mark ikkontestata:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* it-trade mark Komunitarja figurattiva ħamra u bajda li tinkludi l-elementi verbali "Cremcaffé by Julius Meinl" – Trade mark Komunitarja Nru 11 406 816

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' Settembru 2015, fil-Każ R 2757/2014-5

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;